

# Il-Vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta u dik tal-Madonna tar-Rużarju f'Ħal Balzan: xi elementi komuni

**Carmel Bezzina**

*BA, MA (Melit), MEd (Bristol)*

Il-vara tal-Madonna tal-Karmnu, meqjuma fil-Bażilika Santwarju tagħha fil-Belt Valletta, hija waħda mix-xogħlijiet sbieħ li ħarġu minn idejn l-iskultur Vincenzo Dimech (1744–1803). Hija statwa tal-injam, maħduma b'reqqa u b'sens ta' moviment eleganti karatteristiku tal-arti Barokka. Din l-istatwa, flimkien ma' erbgħa oħra, xogħol l-istess skultur, hija ispirata mill-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-knisja tal-patrijiet Dumnikani fir-Rabat (Malta), xogħol bikri tal-iskultur magħruf Melchiorre Cafà (1636–1667). Din l-istatwa Cafà ħadimha Ruma fil-*bottega* ta' Ercole Ferrata, u waslet Malta f'Mejju 1661, u maż-żmien saret il-prototip għal statwi oħra tal-Madonna tar-Rużarju li saru warajha.[1]

### L-Iskultur Vincenzo Dimech

Nibdew bl-iskultur li ħadem il-vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. L-isem Vincenzo Dimech nassoċjawh x'aktarx mal-iskultur ta' ħila li fl-1811 naqax fl-injam il-vara titulari ta' San Publju tal-Furjana, flimkien ma' statwi oħra.[2] Huwa twieled fis-sena 1768 u miet fl-1831, u jinsab midfun fil-knisja ta' Santa Tereża, Bormla. Iżda Vincenzo Dimech li qed nirreferu għalih f'din il-kitba mhuwiex Vincenzo Dimech ta' San Publju. Vincenzo Dimech tal-kitba tagħna kien ikbar minnu 24 sena, u fil-fatt kien jiġi zijuh, ħu missieru. Twieled fis-sena 1744 u miet fl-1803, u jinsab midfun fil-knisja ta' San Franġisk, il-Belt Valletta.

Dan Vincenzo Dimech kien skultur ieħor bravu, imma, b'xorti ħażina, ftit baqa' magħruf. Kif ikkonkluda tajjeb ir-riċerkatur Dr John Debono: "Awturi li kitbu fuq skulturi Maltin magħrufa ma rrealizzawx li kien hemm żewġ skulturi bl-istess isem ta' Vincenzo [Dimech] bil-konsegwenza li l-iskultur Vincenzo l-anzjan intesa għalkollox u għalhekk ħawdu wieħed mal-ieħor."[3]

### Xogħlijiet ta' Vincenzo Dimech

Vincenzo Dimech, l-awtur tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, ħalla xogħlijiet oħra ta' livell għoli, għalkemm forsi inqas magħrufin. Fost dawn, insemmu l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan, waħda mill-erba' statwi li diġà semmejna, skolpiti minn Vincenzo Dimech, li jirrappreżentaw il-Madonna taħt dan it-titlu. Minbarra l-istatwa ta' Ħal Balzan, insibu oħra għall-fratellanza tar-Rużarju fil-parroċċa taż-Żejtun,[4] oħra għall-parroċċa ta' Ta' Sannat, Għawdex,[5] u oħra għall-klijent privat Giovanni Causi mill-Belt Valletta.[6] Minn dawn l-erba' statwi msemmija, dik ta' Ħal Balzan kienet l-ewwel waħda li saret.

# Il-Vara tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan









**L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan**

Il-kuntratt tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan sar nhar id-9 ta' Diċembru 1773 fil-Belt Valletta. Quddiem in-Nutar Andrea Zerafa dehru l-iskultur Vincenzo Dimech u Michele Vassallo, bin Salvatore, minn Ħal Balzan bħala l-prokuratur tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju tal-istess parroċċa. Dimech aċċetta li jiskolpixxi din l-istatwa, mingħajr pedestall u żebgħa, għall-fratellanza tar-Rużarju ta' din il-parroċċa. L-istatwa kellha titlesta sal-festa tal-Għid tas-sena ta' wara, u kellha tinħadem mill-injam tal-ulmu bil-prezz ta' 60 skud. L-istatwa kellha ssir fuq dik meqjuma fil-knisja tal-patrijiet Dumnikani fir-Rabat.[7] Il-prokuratur Michele Vassallo ntrabat li jħallas lil Dimech malli l-istatwa tkun lesta. Huwa żamm id-dritt ukoll li jaħdem l-istatwa għand xi skultur ieħor li jogħġob lilu kemm-il darba Dimech jonqos mill-kelma tiegħu, jew jekk l-istatwa ma tkunx bħal dik tad-Dumnikani tar-Rabat. Vassallo ntrabat ukoll li joħroġ l-ispejjeż tat-trasport tal-istatwa mill-Belt sa Ħal Balzan.[8]

Kollox juri li l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ntgħoġbot. Fil-fatt, nhar id-9 ta' Diċembru 1774, sewwasew għeluq is-sena mill-kuntratt tal-kummissjoni, Dimech iddikjara li rċieva s-somma ta' 60 skud.[9] Dan ifisser li fl-1774 l-istatwa kif ħarġet minn idejn Vincenzo Dimech kienet lesta. Issa kien jonqos l-intaljar u l-iżgraffjar tagħha, u wkoll iż-żebgħa u l-induratura. Mill-Arkivju Parrokkjali tal-parroċċa ta' Ħal Balzan, fejn insibu d-dħul u l-ħruġ tal-altar u tal-fratellanza tar-Rużarju, minbarra li jissemma l-ħlas ta' 60 skud lil Mastru Vincenzo Dimech *"per la fabrica della statua del Ssmo Rosario"*, skont l-atti tan-Nutar Andrea Zerafa, jissemma wkoll il-ħlas lill-istess Vincenzo Dimech *"per intagliatura e sgrafiatura"*, skont l-atti tan-Nutar Saverio Buttigieg. Dan il-ħlas jammonta għal 94 skud, 3 tarì u 10 grani, li jidher li tħallsu f'aktar minn pagament wieħed. Minn dan jidher ċar li Vincenzo Dimech mhux biss naqax l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju imma wkoll għamel l-intaljar u l-iżgraffjar tagħha.

**L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta**

Ngħaddu issa għall-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta li, bħalma diġà ssemma, ħarġet ukoll minn id l-iskultur Vincenzo Dimech. Kienu għaddew kważi seba' snin mit-temmija tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan meta l-patrijiet Karmelitani tal-Belt Valletta tħajru huma wkoll għal statwa fuq l-istess mudell. Tul dawn is-snin l-iskultur Vincenzo Dimech ħadem żewġ statwi oħra tal-Madonna tar-Rużarju, it-tnejn immudellati fuq dik tad-Dumnikani tar-Rabat: waħda għall-parroċċa taż-Żejtun, ikkummissjonata nhar l-24 ta' Mejju 1776,[10] u oħra għal Ta' Sannat f'Għawdex.[11] M'għandix dubju li l-patrijiet Karmelitani tal-Belt għamlu l-istħarriġ tagħhom sewwa u raw ix-xogħol li kien diġà esegwixxa dan l-iskultur qabel ordnaw l-istatwa tagħhom.[12]

Il-kuntratt bejn il-komunità tal-patrijiet tal-Karmnu tal-Belt Valletta u l-iskultur Vincenzo Dimech, biex jiskolpixxi statwa li tirrappreżenta l-Madonna tal-Karmnu, sar nhar il-31 ta' Lulju 1781.[13] Għal dan il-kuntratt li, bħal dak tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan, sar ukoll quddiem in-Nutar Andrea Zerafa, dehru l-iskultur Vincenzo Dimech u l-patrijiet tal-komunità tal-Belt, immexxija mill-Pirjol Fra Benedetto Grech.[14] L-iskultur Dimech kellu jiskolpixxi fl-injam statwa li tirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu b'Ġesù Bambin fuq driegħha u bis-sħab imdawwar taħt riġlejha u fuq il-pedestall. Din l-istatwa wkoll, bħal dik ta' Ħal Balzan, kellha tkun *"simile a quella statua della Beata Vergine del Sacratissimo Rosario della Città Notabile."*

Skont il-kuntratt, Dimech kellu jiskolpixxi wkoll is-sħab ta' taħt riġlejn il-figura tal-Madonna kif ukoll il-gwarniċjuni tal-pedestall. L-iskultura fil-pedestall kellha tkun skont disinn iffirmat u approvat mill-Pirjol. Ix-xogħol kollu skont kif titlob l-arti, kemm fl-istatwa kif ukoll f'dawk il-partijiet l-oħra li kienu se jiġu skolpiti, riedu jkunu magħmula mill-istess kwalità ta' njam ipprovdut minn Dimech stess. Ix-xogħol kollu kellu jitlesta f'ħames xhur għall-prezz ta' 90 skud, li minnhom Dimech kien tħallas 25 skud bil-quddiem. Il-65 skud li jibqa' kellhom jitħallsu hekk kif l-iskultur jikkonsenja l-istatwa lill-patrijiet. Il-partijiet ftiehmu wkoll li kemm-il darba l-injam meħtieġ fit-tinqix tal-istatwa jiġi pprovdut mill-kunvent kellhom jitnaqqsu 15-il skud mis-somma miftiehma ta' 90 skud.

Fl-aħħar nett il-partijiet qablu wkoll li l-istatwa tal-Bambin Ġesù riedet titpoġġa b'ċertu gost u ħarsa fuq driegħ il-Madonna.[15]

Ir-riċerkatur Dr John Debono jesprimi l-fehma tiegħu li "l-istatwa tlestiet kif kien miftiehem sabiex is-sena ta' wara [li ġiet ordnata], 1782, ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba."[16] Huwa jikkwota lil Patri Lawrenz Sammut, li jgħid li l-istatwa ħallas għaliha l-Patri Majjistru Karmelitan Michel Angelo Chircop mill-flus jew elemożina li kien jirċievi għall-prietki li kien jagħmel.[17]

**Xebh u elementi komuni bejn iż-żewġ statwi**

Meta niflu tajjeb u nqabblu ż-żewġ statwi – dik tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan (1773/1774) u l-oħra tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta (1781) – ma nistgħux ma nosservawx kemm l-iskultur Vincenzo Dimech irnexxielu jipproduċi żewġ xogħlijiet tajbin fuq il-mudell tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Melchiorre Cafà li nsibu fil-knisja tad-Dumnikani fir-Rabat, u hekk jissodisfa x-xewqa tal-klijenti tiegħu. Fiż-żewġ statwi, bħal f'dik tal-Cafà, il-figura tal-Madonna bit-tfajjel Ġesù fuq driegħha tax-xellug tidher f'pożizzjoni ta' mixi 'l quddiem, donnha riesqa biex tiltaqa' mad-devoti tagħha. F'idha l-leminija għandha l-Labtu Mqaddes fl-istatwa tal-Belt u l-kuruna tar-Rużarju fl-istatwa ta' Ħal Balzan, ir-rigali li se toffri lil dawn id-devoti. Dan is-sens ta' moviment huwa ġej mit-teknika tal-*contrapposto*, teknika li, bħal Cafà, Dimech jużaha tajjeb ħafna fiż-żewġ statwi: il-figura tal-Madonna minn qaddha 'l isfel tħares lejn il-faċċata, bil-piż tal-figura jistrieħ fuq ir-riġel tax-xellug, filwaqt li r-riġel tal-lemin huwa aktar merħi u rilassat, miksur kemxejn mill-irkoppa, biex jinħoloq il-moviment mixtieq u jagħti liż-żewġ statwi ċertu ekwilibriju. L-effett huwa wieħed dinamiku u mhux statiku.

Dan is-sens ta' moviment huwa ppareġġjat mal-qagħda mill-qadd 'il fuq fil-figura tal-Madonna. Il-ħarsa tagħha, miksura kemxejn lejn il-lemin, tibbilanċja l-ħarsa tat-tfajjel Ġesù, li wiċċu mbissem iħares lejn in-naħa l-oħra. Bħal Ommu Marija, Ġesù wkoll qed joffri l-labtu jew il-kuruna tar-Rużarju lid-devoti. Dan il-moviment ħaj u dinamiku li jinħass fiż-żewġ statwi huwa kkumplimentat mill-panneġġ tal-mant tal-Madonna, miġmugħ taħt ix-xbieha tal-Bambin Ġesù, flimkien mal-velu fuq rasha, imtajjar mir-riħ in-naħa ta' wara tar-ras, u tarf ieħor tal-velu nieżel ħelu ħelu minn fuq l-ispalla għal fuq is-sider.

Fost il-kummenti li għamel l-istudjuż Sandro Debono meta qabbel l-istatwi tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan u taż-Żejtun mal-istatwa fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat, filwaqt li juri x-xebh kbir ta' bejniethom, josserva li "l-għajn kurjuża tista' ssib dettalji li jixhdu l-istil u d-daqqa tal-iskultur Dimech fiż-żewġ statwi ... L-idejn dojoq u tawwalija, il-mudellatura tax-xagħar, speċjalment dik tal-Bambin, kif ukoll is-saqajn, jixhdu ħidmet l-istess id kemm fix-xogħol ta' Ħal Balzan kif ukoll f'dak taż-Żejtun."[18] Dan il-kumment nistgħu napplikawh ukoll għall-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. F'din l-istatwa, li nħadmet wara t-tlieta ta' qabilha – dawk ta' Ħal Balzan, taż-Żejtun, u ta' Ta' Sannat – fil-fehma tiegħi, jidher sforz akbar min-naħa ta' Vincenzo Dimech biex jipproduċi xogħol tal-ogħla kwalità. Dan jissokta joħroġ b'mod aktar pronunzjat permezz tal-polikromija, l-iżgraffjar u l-induratura fl-interventi ta' restawr li saru fuq l-istatwa mal-medda tas-snin.

Iż-żewġ statwi li tkellimna dwarhom f'din il-kitba – dik tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Balzan u l-oħra tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta – għandhom l-istorja mżewqa tagħhom, però t-tnejn li huma jixhdu xogħol raffinat u eleganti, u fl-istess ħin jispiraw sens ta' devozzjoni u qima fid-devoti tagħhom.

**Referenzi**


1 Ara Keith Sciberras (ed.), *Melchiorre Cafà: Maltese Genius of the Roman Baroque*, Malta: Midsea Books, 2006, 4. Ara wkoll *Id.*, *Roman Baroque Sculpture for the Knights of Malta*, Malta: Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2004, 15.

2 Vincenzo Dimech ħadem ukoll il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Gudja (*c.*1807), u l-istatwi ta' San Ġużepp fiż-Żurrieq (1824) u f'Birkirkara (1826). Ara Guido Lanfranco, *L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji tagħhom*, Malta: Klabb Kotba Maltin, 1999, 83.

3 Ara John Debono, 'L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu tal-1781 u tal-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi tagħhom', *Programm tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta 2006*, 39.

4 Ara Sandro Debono, 'Il-Vara u l-Artal tal-Madonna tar-Rużarju', *Għaqda Mużikali Beland – Żejtun*, 2006, 89–97.

5 Għal studju dettaljat dwar l-istatwa tal-Madonna




# Il-Vara għażiża tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt







tar-Rużarju għall-parroċċa ta' Ta' Sannat, u min kien l-iskultur li ħadimha, ara John Debono, 'L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fis-Sannat u l-iskultur tagħha', *Il-Mument,* 24 ta' Lulju 2005, 26.

[6] Il-ftehim bejn Vincenzo Dimech u Giovanni Causi għal din l-istatwa sar fl-1 ta' Ottubru 1781. Ara John Debono, 'L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu tal-1781 u tal-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi tagħhom', *op.cit.*, 33.

[7] Fil-kuntratt Vincenzo Dimech intrabat *"di dovere scolpire una figura di legname d'olmo, d'altezza e larghezza simile a quella figura in onore della Beata Vergine sotto l'istesso titolo del Rosario della Venerabile Confraternità del medesimo nome eretta nella Venerabile Chiesa di Reverendi Padri Domenicani del Rabato della Città Notabile, senza però piedestallo e senza colori ..."* A(rkivju) N(otarili) V(alletta), Nutar A. Zerafa, R 509/43, f. 529.

[8] Għal studju dettaljat dwar din l-istatwa, ara Carmel Bezzina, 'L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u l-Iskultur Tagħha', fil-ktieb tal-istess awtur Hal Balzan u l-Lunzjata u kitbiet oħra, Malta: 2011, 245-256.

[9] ANV, Nutar A. Zerafa, *op.cit.*, f. 529, kuntratt marġinali.

[10] Ara Sandro Debono, *op.cit.*, 93.

[11] Ara nota 5.

[12] Fi tfuliti niftakar tajjeb lil wieħed mill-anzjani Balzanin, midħla sew tal-knisja tar-raħal, li qalli li kien jismagħhom jgħidu li l-Karmelitani tal-Belt kienu tħajru jixtru l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-knisja ta' Ħal Balzan. Jekk dan huwiex minnu ma nafux, però nistħajjel li l-patrijiet ma naqsux li jiġu Ħal Balzan biex jaraw din l-istatwa ta' Vincenzo Dimech.

[13] Qabel ġiet skolpita din l-istatwa, il-konfraternità tal-Karmnu tal-Belt diġà kienet xtrat żewġ statwi oħra tal-Madonna tal-Karmnu: waħda fl-1657, li llum tinsab fl-oratorju tal-istess konfraternità, u l-oħra fis-sena 1780. Din tal-aħħar kienet ingħatat lill-kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta, San Ġiljan, fis-sena 1890, u għadha sal-lum toħroġ proċessjonalment fil-festa tagħha. Ara John Debono, 'L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu tal-1781 u tal-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi tagħhom', *op.cit.*, 31. Ara wkoll Guido Lanfranco, *op.cit.*, 2-3.

[14] ANV, Nutar A. Zerafa, R 509/50, ff. 1105-1107.

[15] *"... far mettere il Bambino Gesù su le braccia di detta Beata Vergine, che riguarda la parte di fuori, e con qualche gestile verso al detta Beata Vergine, e non altrimenti etc."* ANV, Nutar A. Zerafa, *op.cit.*, f. 1106, ikkwotat minn John Debono, 'L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu tal-1781 u tal-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi tagħhom', *op.cit.*, 33, 39.

[16] *Ibid.*, 33.

[17] Patri Lawrenz M. Sammut, *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta: 1952, 78.

[18] Sandro Debono, *op.cit.*, 93.


ZIZKA KITCHEN

Maltese - Mediterranean Cuisine

Opening Hours
Monday to Saturday : 11.30am - 9.30pm
Sunday : 11.30am - 2.30pm

24, West Street,
Valletta

Mob: 99443357